Nru. 17,916
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2006
Tuesday, 2nd May, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 384

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap. 199).

It-2 ta' Mejju, 2006
(File No. L238/94FF)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap. 199).

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 141 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti minn *tenement* nru. 53013.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2006_56 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Ar, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Il-25 ta' April, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 384

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, (Cap. 199).

2nd May, 2006

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, (Cap. 199).

Description of the Land

The following land at St Paul's Bay:–

1. A plot of land of the area of about 141 square metres, bounded on the North by a public passage and on the East and the South by Government property and is registered in the Government Records as part of tenement no. 53013.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2006_56, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

25th April, 2006

Nru. 385

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Mejju, 2006
(File No. L457/88/4A)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata t-18 ta' Diċembru 1991 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Jannar, 1992 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 4, il-President ta' Malta kien iddikjara illi parti mill-fondi Nri. 15 sa 17, Triq Ħal Bajda, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Joseph Buttigieg, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Giuseppa Spiteri u oħrajn u mil-Lbiċ ma' triq pubblika. Parti mill-fond imsemmi jikkonsisti fi:-

a) f'livell ta' pjan terran tal-kejl ta' 160 metru kwadru, 4 kmamar, parti minn kamra u parti minn bitħa;

b) f'livell ta' l-ewwel sular, terrazzin;

hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fiż-Żejtun:

1. Biċċa art li tikkonsisti f'ħajt diviżorju ta' parti mill-fond Nru. 16, fi Triq Ħal Bajda.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* Nru. 4C fuq pjanta P.D. 209_91_A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-25 ta' April, 2006

No. 385

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd May, 2006

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 18th December 1991 and published in the Government Gazette of the 3rd January 1992 under Government Notice No. 4, the President of Malta had declared that part of premises Nos. 15 to 17, Triq Ħal Bajda, bounded on the North by property of Joseph Buttigieg, on the South by property of Giuseppa Spiteri and others and on the South West by a public road. Part of mentioned premises consists of:-

a) on ground floor level of the area of 160 square metres, 4 rooms, part of a room and part of a yard;

b) on first floor level, terrace;

is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Żejtun:

1. A plot of land which consists of a boundary wall of part of premises No. 16 at Triq Ħal Bajda.

The abovementioned land is shown marked with the colour red and as plot No. 4C on plan P.D. 209_91_A which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARDFENECH ADAMI
President

25th April, 2006

Nru. 386

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Mejju, 2006
(File No. L211/80)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata l-14 ta' Jannar 1981 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 1981 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 80, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art tal-kejl ta' 369 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' Triq Giuseppe Calì u mix-Xlokk parti ma' Triq Giuseppe Calì u parti ma' proprjetà ta' Salvinu Testaferrata Moroni Viani u oħrajn, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ta' Xbiex, l-Imsida:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 90 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Salvinu Testaferrata Moroni Viani u mill-Grigal ma' Triq Giuseppe Calì.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* bl-ittra A fuq pjanta L.D. 155/80/1, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-25 ta' April, 2006

No. 386

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd May, 2006

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of President of Malta dated 14th January 1981 and published in the Government Gazette of the 23rd January 1981 under Government Notice No. 80, the President of Malta had declared that the plot of land measuring 369 square metres, bounded on the North East and South West by Triq Giuseppe Calì and on the South East partly by Triq Giuseppe Calì and partly by property of Salvinu Testaferrata Moroni Viani and others, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no so longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Ta' Xbiex, Msida:

A plot of land measuring about 90 square metres, bounded on the North West and South East by property of Salvinu Testaferrata Moroni Viani and on the North East by Triq Giuseppe Calì.

The abovementioned land is marked in colour red on plan and as plot with the letter A on plan L.D. 155/80/1, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

25th April, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-2 ta' Mejju, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Santa Venera.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

2nd May, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, nhar l-Erbgħa 3, il-Ħamis 4 u l-Ġimgħa 5 ta' Mejju, mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-2 ta' Mejju, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Wednesday 3rd, Thursday 4th and Friday 5th May, 2006 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Santa Venera.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

2nd May, 2006

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*